



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
**EUROSISTEMA**

17 ta' Ottubru 2013

**PROĊEDURI TAL-ELA**

**(il-proċeduri sottostanti r-rwol tal-Kunsill Governattiv bis-saħħa tal-Artikolu 14.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-għoti tal-ELA lil istituzzjonijiet ta' kreditu individwali)**

L-istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-Euro jistgħu jirċievu kreditu minn bank ċentrali mhux biss permezz ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja imma eċċezzjonalment permezz tal-assistenza ta' likwidità f'emerġenza (ELA).

L-ELA tfisser l-għoti minn bank ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema (BĊN) ta'

(a) flus ta' bank ċentrali u/jew

(b) kull assistenza oħra li tista' twassal għal żieda fil-flus ta' bank ċentrali

lil istituzzjoni finanzjarja solventi, jew grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji solventi, li qed jaffaċċja problemi ta' likwidità temporanji, mingħajr ma dik l-operazzjoni tkun parti mill-politika monetarja waħdanija. Ir-responsabbiltà għall-għoti tal-ELA qiegħda mal-BĊN(i) ikkonċernat(i). Dan ifisser li kwalunkwe spejjeż u riskji ġejjin mill-għoti tal-ELA jġorrhom il-BĊN rilevanti.

Madankollu, l-Artikolu 14.4 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-Istatut tal-SEBĊ) jagħti lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE r-responsabbiltà biex jirrestrinġi operazzjonijiet tal-ELA jekk jikkunsidra li dawk l-operazzjonijiet jinterferixxu mal-għanijiet u l-ħidmiet tal-Eurosistema. Dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill Governattiv b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħin. Sabiex il-Kunsill Governattiv ikun jista' jivvaluta adegwament jekk din l-interferenza tingħata, irid jiġi infurmat b'dawn l-operazzjonijiet fil-ħin. Sa mill-1999 hemm proċedura stabbilita għal dan l-iskop – u regolarment ġiet irrieduta minn dak iż-żmien. Il-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura preżenti huma miġburin fil-qosor hawn taħt:

Bħala regola, il-BĊNi jinfurmaw lill-BĊE bid-dettalji ta' kwalunkwe operazzjoni tal-ELA, mhux iktar tard minn jumejn tax-xogħol wara li tkun saret l-operazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, mill-inqas, l-elementi li ġejjin:

1. il-kontroparti lil min l-ELA nġhatat jew ser tingħata;
2. il-valur u d-data tal-maturità tal-ELA li nġhatat jew ser tingħata;
3. il-volum tal-ELA li nġhatat jew ser tingħata;
4. il-valuta li fiha l-ELA nġhatat jew ser tingħata;

5. il-kollateral/garanziji li bihom l-ELA nġatat jew ser tingħata, inkluża l-valutazzjoni ta' jew kwalunkwe *haircuts* li ġew applikati fil-konfront tagħha, il-kollateral ipprovdut u, meta japplika, dettalji fuq il-garanzija provduta;
6. ir-rata ta' imgħax li trid titħallas mill-kontroparti fuq l-ELA li nġatat jew ser tingħata;
7. ir-raġuni(jiet) speċifiċi għall-ELA li nġatat jew ser tingħata (jiġifieri koperturi supplimentari, flussi ta' depożiti eċċ.);
8. l-evalwazzjoni tas-superviżur prudenzjali, matul żmien qasir u medju, tal-pożizzjoni ta' likwidità u s-solvenza tal-istituzzjoni li tirċievi l-ELA, inklużi kriterji użati biex wieħed jaasal għal konklużjoni pożittiva fir-rigward ta' solvenza; u
9. meta jkun rilevanti, evalwazzjoni tad-dimensjonijiet transkonfinali u/jew l-implikazzjonijiet sistemiċi potenzjali tas-sitwazzjoni li għamlet/qed tagħmel l-estensjoni tal-ELA neċessarja.

Barra minn hekk, il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jitlob informazzjoni addizzjonali mill-BĊN rispettiv, jew biex iwessa' r-rekwiżiti tal-informazzjoni/rappurtar, u/jew biex isiru iktar stretti, f'każijiet speċifiċi jekk dan jitqies meħtieġ.

Jekk jiġri li l-volum kumplessiv tal-operazzjonijiet tal-ELA maħsubin għal istituzzjoni finanzjarja partikolari jew grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji (fuq bażi kkonsolidata u inklużi l-friegħi barranin tagħha) jaqbeż limitu ta' €500 miljun, il-BĊN(i) involuti għandhom jinformat lill-BĊE kemm jista' jkun malajr qabel l-għoti tal-assistenza maħsuba.

Jekk jiġri li l-volum kumplessiv tal-operazzjonijiet tal-ELA mistennjin li jaqbeż limitu ta' €2 biljun, il-Kunsill Governattiv jikkunsidra jekk hemmx riskju li l-ELA involuta tista' tinterferixxi mal-għanijiet u l-ħidmiet tal-Eurosistema. Wara talba tal-BĊN(i) ikkonċernat(i), il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jiffissa limitu u ma joġġezzjonax għall-operazzjonijiet tal-ELA maħsubin li huma taħt il-limitu u magħmulin f'perijodu qasir ta' żmien prespeċifikat.

BĊN jista' jitlob ukoll lill-Kunsill Governattiv biex jirrinunzja l-oġġezzjoni tiegħu għal ċertu limitu għal operazzjonijiet tal-ELA maħsubin ma' diversi banek fl-istess ħin. F'każ bħal dak, il-BĊN jipprovi l-informazzjoni li ġejja tal-inqas jumejn qabel il-laqgħa tal-Kunsill Governattiv fejn it-talba għandha tiġi kkunsidrata:

- kull informazzjoni disponibbli *ex ante*, fuq bażi ta' bank b'bank, fuq l-elementi elenkati taħt il-punti 1 sa 9 iktar 'il fuq; u
- projezzjoni – li tkopri, fil-prinċipju, il-perijodu sal-laqgħa regolari li jmiss tal-Kunsill Governattiv – fuq it-tnaqqis ta' finanzjament għal kull bank individwali li għandu jirċievi l-ELA fuq il-baży ta' żewġ xenarji, jiġifieri x-xenarju mistenni u xenarju ta' tensjoni.

Informazzjoni *ex post* fuq il-karatteristiċi kollha msemmijin taħt il-punti 1 sa 9 għandha tingħata kuljum, sa fejn din l-informazzjoni ma tkunx ġiet ipprovduta diġà *ex ante*.

Dawn il-proċeduri huma mmirati biex jiġi żgurat b'mod adegwat it-twertiq tar-rwol tal-Kunsill Governattiv bis-saħħa tal-Artikolu 14.4 tal-Istatut tas-SEBĊ fir-rigward tal-għoti tal-ELA lil

istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn jorbtu lill-BĊNi kollha, u l-adegwatezza tagħhom tiġi riveduta f'intervalli regolari.